ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel

(2017/C 10/06)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

DOKUMENT UNIKU

"MALATYA KAYISISI"

Nru tal-KE: TR-PDO-0005-01221 — 13.5.2014

IĠP ( ) DOP (X)

1. **Isem**

"Malatya Kayısısı"

2. **Stat Membru jew Pajjiż Terz**

It-Turkija

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1)*

Malatya Kayısısı huwa l-isem mogħti lill-varjetà ta' berquq Hacıhaliloğlu mnixxef. Il-berquq Hacıhaliloğlu huwa varjetà ta' *Prunus armeniaca* L., li hija membru tal-familja Rosaceae.

Karatteristiċi fiżiċi:

Kulur: Isfar

Indewwa: 25 % (massimu)

Materja Niexfa: 75 % (minimu)

Għamla u sawra tal-frotta: Ovali u l-ħxuna tal-laħam tal-frotta hija għolja

Daqs:

Nru tad-daqs	0 (Jumbo)	1	2	3	4	5	6	7	8
	L-akbar								L-iżgħar
1 Kg/Numru ta' Frott/Imnixxef	Massimu 80	81-100	101-120	121-140	141-160	161-180	181-200	201-220	Min. 221

Karatteristiċi kimiċi:

Il-kompożizzjoni ta' 100 g ta' Malatya Kayısısı: Ilma 25 % (massimu), Enerġija 200 kcal (minimu), Zokkor totali 50 % (minimu), Fibra Totali 5 % (minimu), Potassju (K) 900 mg (minimu).

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

Karatteristiċi organolettiċi:

Il-Malatya Kayısısı għandu sawra soda, aroma rikka u kontenut għoli ta' zokkor. Meta jittiekel, iħalli togħma tajba u aroma ħelwa.

3.3. *Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

—

3.4. *Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita*

Il-proċessi kollha inklużi t-thawwil tas-siġar, l-irrigazzjoni, il-fertilizzazzjoni, l-irmondar, il-ġbir tal-frott, it-trattament bil-kubrit u t-tnixxif għandhom iseħħu fiż-żona ġeografika speċifikata fil-punt 4.

3.5. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-taħkik, l-ippakkjar, eċċ.*

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

L-informazzjoni li ġejja għandha tinkiteb jew tiġi stampata fuq il-pakkett tal-Malatya Kayısısı b'mod li tkun tista' tinqara iżda ma tistax titħassar:

— l-isem kummerċjali jew qasir tal-kumpanija u l-indirizz tagħha, jew it-trademark irreġistrata tal-kumpanija,

— in-numru tal-lott,

— l-isem tal-prodott — Malatya Kayısısı,

— in-numru tad-daqs

— il-logos li ġejjin

4. Deskrizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika

Ir-reġjun ta' Malatya jinsab fil-baċir tal-Euphrates ta' Fuq fir-reġjun tal-Anatolja tal-Lvant fit-Turkija bil-latitudni 38°29′03″N u l-longitudni 38°08′11″E. Ir-reġjun ta' Malatya huwa magħmul miċ-ċentru tal-belt u d-distretti, Elazığ-Baskil, Kahramanmaraş-Elbistan, Sivas-Gürün u Adıyaman-Gölbaşı.

5. Rabta maż-żona ġeografika

Il-Malatya Kayısısı jilħaq l-ogħla livell ta' kwalità f'żona ristretta magħmula miċ-ċentru tal-belt u d-distretti ta' Malatya msemmija fil-punt 4 hawn fuq. Din iż-żona ġeografika hija post partikolari fejn il-Malatya Kayısısı ta' kwalità għolja jiġu prodotti fl-akbar ammonti. L-attributi tal-klima u tal-ħamrija ta' din iż-żona speċifika huma simili ħafna ta' xulxin u l-ispeċijiet li jitkabbru huma kollha tal-varjetà Malatya Kayısısı. Fiż-żoni fejn isir it-tkabbir tal-Malatya Kayısısı, il-formazzjoni tal-ħamrija hija kkaratterizzata minn raba' grass tafli kemxejn alkalin u raba' grass b'kontenut għoli ta' ġir b'livell bejn baxx u medju ta' sustanza organika fil-ħamrija. Ma jeżistux problemi ta' salinità fil-ħamrija fejn jitkabbar il-berquq. Il-kontenut fosforuż utli totali u l-kontenut varjabbli tal-potassju tal-ħamrija huma f'livelli adattati u f'livelli għolja. Il-valur medju tad-dejta nkiseb b'riżultat tal-analiżi ta' għadd ta' kampjuni tal-ħamrija mill-imsaġar tal-Malatya Kayısısı f'Malatya u fiż-żoni ta' madwarha.

Fiż-żona ġeografika fejn huwa prodott il-Malatya Kayısısı bħala berquq imnixxef, ix-xtiewi huma keshin (min – 15 °C), filwaqt li s-sjuf huma sħan u aridi. It-temperatura medja annwali hija 14–15 °C. It-temperaturi li jilħqu 35-45 °C fil-perjodi tal-maturazzjoni u tat-tnixxif huma ta' importanza kbira għat-tnixxif tal-Malatya Kayısısı u l-umdità hija madwar 25–30 %. Il-preċipitazzjoni annwali medja tar-regjun hija 350-400 mm. Fl-istaġun tal-maturazzjoni u tat-tnixxif, it-temp għandu jkun aridu u mingħajr sħab peress li x-xita hija l-aktar fattur li jiddeterjora l-kwalità tal-Malatya Kayısısı mnixxef. Il-Malatya Kayısısı jinkludi l-frott tal-berquq b'sawra soda b'kulur isfar u daqs uniformi li għandu aroma rikka u kontenut ta' zokkor. Il-Malatya Kayısısı jista' jingħaraf faċilment minn berquq ieħor permezz tar-riħa u t-togħma uniċi. Il-fatt li l-kundizzjonijiet klimatiċi b'mod partikolari matul il-ġbir tal-frott huma perfettament adattati għat-tnixxif tal-frott (jiġifieri l-umdità relattiva tkun baxxa u d-dawl tax-xemx ikun abbundanti) għandu rwol vitali fir-rigward tal-kultivazzjoni tal-berquq. Il-Malatya Kayısısı mnixxef prodott minn bdiewa speċjalizzati u esperjenzati li jużaw metodi konvenzjonali, jista' jiġi distint minn dak prodott f'reġjuni oħra.

Il-Malatya Kayısısı adatta perfettament għall-kundizzjonijiet klimatiċi u tal-ħamrija fiż-żona. Il-fatturi prinċipali li jiddistingwu din iż-żona minn żoni oħra ta' kultivazzjoni tal-berquq huma l-kundizzjonijiet klimatiċi u tal-ħamrija li huma perfettament adattati għall-kultivazzjoni tal-berquq kif ukoll għat-tnixxif tal-varjetà tal-Malatya Kayısısı ta' kwalità għolja. Is-siġar tal-Malatya Kayısısı jeħtieġu sjuf niexfa u sħan kif ukoll xtiewi kesħin u bix-xita. Il-kundizzjonijiet klimatiċi sħan u xotti prevalenti waqt l-iżvilupp u l-maturazzjoni tal-frotta huma meħtieġa għall-kultivazzjoni tal-frott b'kontenut għoli ta' zokkor. Il-kuntrast għoli bejn it-temperatura ta' matul il-jum u dik ta' matul il-lejl waqt il-perjodu tal-maturazzjoni jikkontribwixxi wkoll b'mod sinifikanti għall-formazzjoni tal-kontenut ta' zokkor fil-Malatya Kayısısı.

Sabiex is-siġar tal-berquq f'Malatya jagħmlu ż-żahar u jipproduċu l-frott, dawn jeħtieġu l-kesħa tax-xitwa relattivament twila ta' 1 100–1 600 sieħa f'temperatura ta' +7,2 °C. Barra minn hekk, is-siġar tal-Malatya Kayısısı idealment jikbru f'raba' grass kemxejn alkalin (pH 7,5–8,5) b'kontenut għoli ta' ġir. Dawn l-attributi ekoloġiċi kollha jeżistu f'Malatya bl-aktar mod adattat possibbli. Filwaqt li l-Malatya Kayısısı huwa prodott tal-ogħla kwalità meta mkabbar fil-limiti taż-żona msemmija hawn fuq, il-kapaċità tal-produzzjoni u tat-tnixxif tieħu, kif ukoll il-kwalità tal-prodott jonqsu meta dan jitkabbar barra minn din iż-żona. Fid-dawl ta' dan l-aspett tal-Malatya Kayısısı, jista' jiġi nnotat li l-kapaċitajiet tal-adattament tal-varjetà tal-Malatya Kayısısı huma baxxi.

Fl-istaġun tal-maturazzjoni u tat-tnixxif, it-temp għandu jkun aridu u mingħajr sħab. Dak li jagħmel lill-Malatya Kayısısı differenti minn berquq ieħor huwa li ż-żona inkwistjoni hija żona ġeografika speċjali, fejn jinsabu varjetajiet ta' berquq ta' kwalità għolja li adattaw perfettament għal din iż-żona ġeografika. Meta jsir tentattiv biex il-Malatya Kayısısı jiġi kkultivat f'żoni differenti, iseħħ telf tal-kwalità tal-materjal fil-frott skont it-tibdil fil-kundizzjonijiet ekoloġiċi. Dan it-telf jista' jinġabar fil-qosor bħala kapaċità tal-produzzjoni baxxa, kontenut solidu solubbli baxx, daqs tal-frotta iżgħar, output tat-tnixxif baxx u kwalità baxxa tal-frott. Dawn il-fatti juru li l-berquq ikkultivat f'Malatya huwa differenti minn dak imkabbar f'żoni oħra. Il-fatt li l-kundizzjonijiet klimatiċi b'mod partikolari matul il-ġbir tal-frott huma perfettament adattati għat-tnixxif tal-frott (jiġifieri l-umdità relattiva tkun baxxa u d-dawl tax-xemx ikun abbundanti) għandu rwol vitali fir-rigward tal-kultivazzjoni tal-berquq.

Il-Malatya Kayısısı ilu jiġi kkultivat f'din iż-żona ġeografika għal eluf ta' snin. Il-produzzjoni, il-ġbir, it-trattament bil-kubrit u t-tnixxif ilu jsir bl-istess mod konvenzjonali u naturali għal bosta snin. Il-Malatya Kayısısı dejjem kien parti mill-ħajja tan-nies. Il-produzzjoni tal-Malatya Kayısısı tant saret arti għaċ-ċittadini tar-reġjun li huma għallmu u għadhom jgħallmu d-dettalji ta' dan ix-xogħol lit-tfal tagħhom minn età żgħira.

It-tfal li jiġu infurmati, b'dan il-mod, minn età żgħira dwar il-produzzjoni, il-ġbir, it-tnixxif u t-trattament bil-kubrit tal-berquq flimkien mal-familji tagħhom ifisser li dawn se jkomplu t-tradizzjonijiet tal-ħila fix-xogħol u jsiru l-produtturi speċjalizzati tal-futur. L-aktar fattur importanti fir-rigward tat-tnixxif tal-berquq ta' kwalità għolja huwa l-proċess tat-trattament bil-kubrit minn persuni esperjenzati. Dan il-proċess jeħtieġ ħila fix-xogħol, sengħa u speċjalizzazzjoni.

Il-Malatya Kayısısı huwa ta' importanza partikolari għall-provinċja ta' Malatya. Il-Malatya Kayısısı huwa simbolu tal-provinċja ta' Malatya. Barra minn hekk, isem ieħor għall-Provinċja ta' Malatya huwa l-Kapitali Dinjija tal-Berquq. Fil-provinċja u fid-distretti tagħha, id-disinni tal-Malatya Kayısısı saħansitra jintużaw bħala simbolu fil-pjazez. Barra minn hekk, jidher f'ħafna skulturi f'xi pjazez importanti, u jiġi organizzat ukoll festival iddedikat speċifikatament għall-berquq. Il-Festival tal-Malatya Kayısısı tradizzjonalment jiġi organizzat kull sena u ċċelebrat b'diversi avvenimenti.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni

(it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament)

—